MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 740/2002/1

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Graziella Debono u b'digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Lulju 2003 gie kjamat in kawza Miguel Demanuele**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,248.15c (elf, mitejn u tmienja w erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta Graziella Debono lis-socjeta' attrici skond *Client Contract Number 4056* rigward servizzi rezi lilha.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn gie eccepit li l-ammont mitlub mhux kollu dovut minnha izda parti sostanzjali hija dovuta minn Miguel Demanuele u ntalab li dan ta' l-ahhar jigi kjamat in kawza.

Ra li gie kjamat in kawza Miguel Demanuele.

Ra r-Risposta ta’ Miguel Demanuele bhala kjamat in kawza fejn eccepixxa:

1. Li t-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi m’hemm l’ebda relazzjoni guridika bejnu u s-socjeta’ attrici, u

2. Li l-uzu li ghamel mis-servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta kien espressament miftiehem li l-konvenuta kienet ser thallas ghalih hi.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-fatti huma s-segwenti:

1. Graziella Debono u Miguel Demanuele ffirmaw kuntratt imsejjah “Go Together” bl-ghan li jibbenefikaw minn rati specjali u li l-kont jithallas lis-socjeta’ attrici minn wiehed minnhom biss.

2. Debono ffirmat kemm il-kuntratt f’isimha jigifieri l-kuntratt numru 4056 u kemm dak f’isem Demanuele, l-kuntratt numru 4057, peress li dan kellu sbatax-il sena.
3. L-ezistenza tas-zewg kuntratti tiddependi wahda fuq l-ohra tant illi wiehed ma jistax jezisti minghajr l-iehor.

4. Kemm Debono u kemm Demanuele ghamlu uzu minn dan is-servizz “Go Together”.

Illi mhux kkontestat li s-socjeta’ attrici rrendiet is-servizzi lill-konvenuti u ghal dan huma ma thallsux, ghalhekk l-ammont mitlub huwa dovut.

Illi l-punt in diskussjoni huwa jekk Miguel Demanuele ghandux ihallas il-parti tieghu peress li l-konvenuta ffirmat flimkien ma’ Debono l-kuntratt tieghu jigifieri l-kuntratt numru 4057.

Illi m’hemmx dubju li l-kjamat in kawza Demanuele ghandu relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Demanuele ffirma kuntratt mas-socjeta’ attrici w uza s-servizz in kwistjoni. Ghalhekk kontra l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza tezisti relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta’ attrici.

Illi skond dan it-Tribunal, li ghandu jaqta’ kull talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita’, l-fatt li l-konvenuta ffirmat il-kuntratt taht l-isem ta’ Debono ma jezentax lill-kjamat in kawza Demanuele milli jhallas il-parti tieghu peress li kien hu wkoll li bbenefika minn dan il-kuntratt u dan l-istess kuntratt kien iffirmat minnu stess.

Illi l-kjamat in kawza jghid li l-konvenuta kienet taghtu dan is-servizz bhala rigal. Il-konvenuta tghid li kienet tistenna li Demanuele jaghmel il-pagamenti tieghu.
Illi l-kjamat in kawza ma kienx kredibbli meta qal li l-konvenuta kienet accettat li thallas ghal uzu li hu jaghmel mit-telefon. Il-kjamat in kawza ffirma l-*subsription order form* fejn hemm id-dettalji tieghu (isem, indirizz, ID Card no). Illi jekk is-servizz kien se jkun b’xejn (rigal) ghalih ma kellux ghalfejn jiffirma. Illi skond l-istess *subscription order form* hemm obbligu li l-*customer* ihallas ghas-servizz. Illi f’dan il-kaz il-*customer* huma l-konvenuta u l-kjamat in kawza. Billi l-konvenuta u l-kjamat in kawza ghazlu dan is-servizz flimkien ghandhom jigu kkundannati li jhallsu l-ammont kollu dovut b’mod in solidum.

Illi skond l-Artikolu 962 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili:

*“It-terza persuna msejha fil-kawza…ghall-finijiet kollha titqies bhala kull konvenut iehor…tigi mehlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawza kienet proposta kontra taghha.”*

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, jichad l-eccezzjonijiet migjuba mill-kjamat in kawza, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamat in kawza li jhallsu in solidum l-ammont ta’

Lm1,248.15c (elf, mitejn u tmienja w erbghin lira Maltin u hmistax-il centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax legali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------